MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 27 ta' Lulju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Fabian Sciriha**
**(ID: 266885M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Fabian Sciriha** talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-25 ta' Lulju 2016, bejn 18:00hrs u 19:00hrs ta' filghaxija, gewwa l-Knisja ta' Santa Liena, f'Birkirkara ikkommetta serq ta' portmoni li kien fih sebghin euro u affarijiet ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-"lok" minhabba li s-serq sar f'lok pubbliku li qiegħed għall-qima t'Alla, liema serq sar ghad-detriment ta' Catherine Cortis u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta mal-imsemmi Fabian Sciriha bhala recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra, mnaqqsa jew mibdula u dan ai termini tal-Art. 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk din hija sodisfacjentement ippruvata;

Illi ai fini ta' piena l-Qorti evalwat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wkoll rat il-fedina penali tieghu li hija wahda kemmxejn kulurita. Minn dak li gie relatat lil din il-Qorti, l-imputat ilu ftit xhur li hareg mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u safa' bla saqaf fuq rasu u minghajr xoghol u li kien ghalhekk li rega' taha ghas-serq. Illi l-Qorti tifhem ic-cirkostanzi ta' tbatija tal-imputat pero` jibqa' l-fatt li dak li ghamel mhux gustifikabbli. Illi din il-Qorti, in vista tal-fedina penali tieghu, ma tistghax titratta mal-imputat b'piena ohra hlief dik ta' habs effettiv.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 281 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Fabian Sciriha** hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u **tikkundannah ghal piena komplessiva ta' sena (1) prigunerija.**

**Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jikkoncedi lill-hati jiskonta l-piena tieghu fit-Taqsima Forensika tal-Isptar Monte Karmeli in vista tal-problemi medici li ghandu.**

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur